minn xi snin 'l hawn, kien qed jaħdem hemm fis-sengħa tiegħu tajjeb ħafna, bla ma nstama' ebda tgergir dwaru. Dan għamlu bil-ħsieb li jibagħtu lejn Malta, biex jidħol għax-xogħol u l-ħedma fit-twaqqif ta' l-Istamperija hemm, bħalma hekk huma l-għoġba u l-amar tal-Gran Mastru.

Meta Villari wasal Messina, sewsuh ħafna biex jibqa' f'artu u ma jiċċaqlaqx minn hemm. Iżda kien kollu ta' xejn, għax ma darx għal dak li qalulu, billi ried iġarrab xortih f'Malta. Għal-hekk Villari telaq bil-qalb kollha, mixtieq u mlebleb, biex juri deħwitu li jaqdi tajjeb u bi bżulija sewwa fis-sengħa tiegħu, bħal-ma hekk huwa (Gotho) jittama li jsir.

Gotho ma għamel ebda ftehim miegħu, dwar kemm ħlas għandu jkollu ta' ħedmitu, billi Villari ried li fuq dil-biċċa, jiftie-hem meta jkun Malta. U dan wiegħed li kellu jagħmlu bla tkab-bir ta' xejn. Biss għaddielu 40 uqija flus bħala għajnuna, barra milli tah ukoll xi ħaġ'oħra biex tagħmillu tajjeb għalih innifsu. Il-flus li ħa, kellhom jinqatgħu mill-ħlas li jkun imissu ta' kull jum, kemm-il darba jsaddad fix-xogħol tiegħu. Iżda, jekk jibqa' u ma jiftihemx dwar senegħtu, kien fid-dmir li jrodd il-flus li tah, barra dawk biss li jkun ħtieġ biex ġie f'Malta u jerġa' lura lejn artu.

Fl-aħħar ta' l-ittra, Gotho reġa' tenna, lill-Gran Mastru, li dwar Villari kellu tagħrif li hu jinqala' tajjeb fis-sengħa tiegħu. Għalhekk, it-tama ta' Gotho kienet li dil-biċċa tirnexxi tajjeb f'kollox (8).

U hekk kien, għax għaddiet il quddiem sewwa, billi Pompew beda jħaddem lil Villari u xi nies oħra fl-Istamperija tiegħu.

Meta l-Gran Mastru Laskri ra sseħħ u titwettaq ix-xewqa li kellu bis-saħħa ta' Pompew de Fiore, ried li jissokta jgħin lil dan, ħalli jagħmillu aktar il-qalb fix-xogħol tiegħu. U biex jasal f'dan l-ħsieb, fil-25 ta' Mejju, 1644, ħareġ Prammatka (Liġi). Din kienet tgħid li, billi t-twaqqif ta' l-Istampa fl-ibliet tista' tkun ta' bosta fejda u ta' ġid għal kulħadd, is-Slaten dejjem taw pri-vileġġi u prerogattivi lil min idaħħalha. Għalhekk, billi Pompew de Fiore kien li daħħalha hawn, ġie maqtugħ li, tul għaxar snin, ħadd ma jista' jdaħħal u jbiegħ f'Malta, għall-ebda ħaġa, il-kotba tas-*Santu Kruċ*, *l-A.B.Ċ.*, *Psalterji*, *Dunati*, *Duttrini*, *Luni Nuo-*

(8) Traduzione dei Regj Commissarj d'Inchiesta. Malta, 1838, paġ. 29.



*vi*, *Pronostki*, *Indulġenzi* li jinqdew bihom f'Malta, l-*Evanġelju ta 'San Ġwann* u l-*Virtù tal-ġebla ta' San Pawl*. Terġa', kulmin għandu minn dawn il-kotba, fi żmien tmint ijiem, kellu jeħod-hom fl-Istamperija li kien hemm fil-Fran ta' l-Ordni. Min jikser dan l-amar, barra milli jeħel li jħallas 10 skudi lill-Fiskal, kien jit-lef ukoll il-kotba li jkollu, billi jeħduhomlu (9).

Għalkemm il-privattiva li ġiet mogħtija lil De Fiore, titkel-lem dwar kotba żgħar biss, m'għandhiex t'ttieħed li b'hekk tfis-ser li, l-Istamperija li kellu kienet dgħajfa mis-saħħa u li ma tif-laħx tistampa kotba wkoll kbar. Huwa kien jaqbel li f'Malta toħ-roġ xi Liġi biex ma jiġi ebda ktieb hawn? Naħsbu li anqas qatt ma seta' jsir dan, ukoll li kieku l-Istamperija ta' de Fiore kienet l-akbar waħda li kien hawn fid-dinja f'dak iż-żmien.

Mela, il-ħsieb tal-Gran Mastru ma kienx ħaġ'oħra, meta ħareġ il-Prammatka li semmejna, għajr li dawk il-kotba żgħar li drabijiet oħra kienu jiġu minn barra, għall-qadi ta' dawn il-Gżej-jer, jidraw jistampawhom hawn, ħalli b'hekk igħin, biex ma jon-qosx, kemm jista' jkun, ix-xogħol lill-ewwel Stamperija li twaq-qfet f'Malta u l-waħdanija li kien hawn—dik biss ta' Pompew de Fiore.

*(Jissokta)*

## IL-KUMITAT GHAS-SENA 1946-47

F'laqgħa ġnerali tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti*, ingħażel il-Kunsill ta' hawn taħt għas-sena 1946-47 :

*Presidenti Onorarji* : Is-Sur Ġino Muscat Azzopardi; Mon-sinjur Dun Karm Psaila, D.Litt; Prof. Dun P. P. Saydon, B.Litt., B.L.Can., D.D., Lict.S. Script.

*Viċi President Onorarju* : Mons. Dun Pawl Galea, J.C.D.

*President* : Dr. Kav. Ġ. Galea, M.D., D.P.H.

*Viċi President* : Is-Sur Nin Cremona.

*Segretarju* : Is-Sur Ġ. Chetcuti.

*Teżorier* : Is-Sur Vict. Apap.

*Membri* : Is-Sur Nikol Biancardi; is-Sur Alf. M. Borg; Dun Frans Camilleri; Patri Ġ. Delia, S.J.; is-Sur Ġużè Ellul Mercer; is-Sur Ġorġ J. Ransley; Patri. Lett. Akkursju Xerri, O.F.M.; l-Onor. Karmenu Vassallo; is-Sur Godfrey Zarb Adami.

(9) Mss. Bibl. 23, paġ. 294.